MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tas-16 ta' April, 2013

Talba Numru. 572/2012

**GO p.l.c.**

**vs.**

**Raphael Baldacchino K.I. 293050 (M)**

It-Tribunal

## PRELIMINARI

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta’ sitt mija u wieħed u sebgħin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€671.12), in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40097838* reżi mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenut;

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, u huwa kkontesta l-kawża permezz ta' risposta ppreżentata fit-13 ta' Settembru 2012 illi permezz tagħha eċċepixxa:

"Illi t-talba tas-soċjeta` rikorrenti għandha tiġi miċħuda u dan stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li kienet l-istess soċjeta` rikorrenti li ma onoratx l-obbligi kontrattwali tagħha u naqset li tipprovdi s-servizz relattiv."

Semgħa x-xhieda li ġew prodotti u ra d-dokumenti li ġew esebiti.

Ra illi permezz ta' nota ppreżentata fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2013, is-soċjeta` attriċi irriduċiet it-talba tagħha minn sitt mija wieħed u sebgħin Ewro u tnax il-ċenteżmu (€671.12) għal erba' mija u disgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€490.85) u dana stante, kif ġie sussegwentement spjegat mis-soċjeta` attriċi, li hija kienet talbet ħlas għal erba' *set top boxes* meta effettivament il-konvenut kellu biss żewġ *set top boxes*, u għaldaqstant hija rtirat il-prezz ta' żewġ set top boxes.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ikkunsidra.

Irriżulta mill-provi prodotti illi l-konvenut kien talab mingħand is-soċjeta` attriċi servizz hekk magħruf bħala *Silver Plus Home Pack* li fih jinkludi servizz tat-telefonija fissa, internet u televiżjoni. Dan kien f'Jannar 2009 u fil-fatt il-konvenut fid-29 ta' Jannar 2009 kien iffirma kuntratt fejn intrabat mas-soċjeta` attriċi li jirċievi dawn is-servizzi. Huwa talab lis-soċjeta` attriċi biex ma ddumx wisq ma tipprovdi dawn is-servizzi.

Il-konvenut xehed illi s-servizz tat-televiżjoni ġie installat mis-soċjeta` attriċi fi ftit tal-jiem, entro għaxart'ijiem mid-data tal-kuntratt, f'terminu li kien aċċettabbli għalih.

Xehed ukoll illi dwar iż-żewġ servizzi l-oħra u ċioe dak tal-internet u tat-telefonija fissa, kien sar tentattiv min-naħa tas-soċjeta` attriċi biex tinstalla dawn is-servizzi, iżda dan kien f'Mejju tal-istess sena u stante d-dewmien li kien hemm, il-konvenut m'aċċettax l-istallazzjoni ta' dawn is-servizzi. Huwa kien fil-frattemp mar għand is-soċjeta` attriċi kemm fil-fergħa ta' Birkirkara u wkoll fil-fergħa ta' Raħal Ġdid u dana sabiex jinfurmaha li huwa ma kellux iktar bżonn tas-servizzi tal-internet u t-telefonija fissa mingħand is-soċjeta` attriċi.

Spjega illi sussegwentement f'Awwissu 2009 irċieva telefonata mingħand persuna inkarigata mis-soċjeta` attriċi fejn ġie mistoqsi jekk riedx iżomm is-servizz tal-*Home Pack* u l-konvenut min-naħa tiegħu wieġeb fin-negattiv. Għaldaqstant huwa ġie mitlub li jirritorna iż-żewġ *set top boxes* li kellu relatati mas-servizz tat-televiżjoni.

Irriżulta mid-dokument esebiet fol. 27 tal-proċess illi dan għamlu f'Awwissu tal-istess sena, u d-dettalji tal-kont u TV Card Numbers fuq dan id-dokument jaqblu mad-dettalji tal-kuntratt relattiv b'tali mod li t-Tribunal m'għandu l-ebda dubju li l-oġġetti ritornati mill-konvenut huma fil-fatt dawk mertu ta' din il-kawża.

It-Tribunal jirrileva illi l-konvenut kien kredibbli fix-xiehda li ta u inoltre s-soċjeta` attriċi ma kkontestatx dak li huwa qal dwar id-dewmien fil-provvista tas-servizz. Da parti tagħha is-soċjeta` attriċi straħet fuq l-istat ta' fatt li kellha d-dritt tipprovdi s-servizz sa 24 xahar mid-data tal-kuntratt u pprovdiet kopja tat-termini u l-kondizzjonijiet tas-servizz (fol.28 sa 31) in sostenn ta' dan.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, f'dawn iż-żminijiet tal-lum fejn is-servizzi ta' telefonija u internet huma neċessita`, dewmien ta' erba' xhur biex jiġu provduti dawn iż-żewġ servizzi, m'huwiex wieħed raġjonevoli. Il-fatt li s-soċjeta` attriċi kellha, skont hi, l-fakolta` li tagħmel dan skont it-termini u l-kondizzjonijiet ma jiġġustifax dan id-dewmien u dan tenut kont - fl-ewwel lok li dawn it-termini u kondizzjonijiet ma ġewx spjegati lill-klijent iżda kienu aċċessibbli biss fuq il-website tas-soċjeta` attriċi, - u fit-

tieni lok kellek klijent li qed jintrabat b'kuntratt ta' sentejn, u min-naħa tiegħu is-*service provider* jista` jdum sentejn biex jipprovdi s-servizz in kwistjoni. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, tali kondizzjoni m'hijiex ġusta u ma tistax tiġi akkolta u applikata mill-istess Tribunal. Għaldaqstant it-Tribunal qed jiddeċiedi li l-konvenut kellu raġun ma jaċċettax is-servizzi tat-telefonija u l-internet wara t-trapass ta' erba' xhur.

Rigward il-kontijiet għas-servizzi provduti, irriżulta li l-konvenut beda jirċievi kontijiet mingħand is-soċjeta` attriċi biss wara li rritorna *s-set top boxes* u cioe mill-1 ta' Settembru 2009 u dana skont ma jirriżulta mid-dokument li jinsab fol. 21 tal–proċess. Il-kontijiet maħruġa mis-soċjeta` attriċi jinkludu l-ħlas dovut għas-servizzi tat-televiżjoni, internet u telefonija fissa u wkoll il-prezz għaż-żewġ *set top boxes*. L-ammont kollu pretiż mis-soċjeta` attriċi jammonta għal erba' mija u disgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€490.85). Minn dawn il-konvenut ma ħallas xejn minkejja li għamel użu mis-servizz tat-televiżjoni mill-inqas mit-8 ta' Frar 2009 sas-27 t'Awwissu 2009 u dana jfisser perjodu ta' sitt xhur u dsatax-il jum.

Illi huwa minnu li s-soċjeta` attriċi ma ressqitx prova suffiċjenti li tista' tistabilixxi kemm mill-ammont minnha pretiż jirrappreżenta l-ħlas għas-servizz tat-televiżjoni, iżda dana fil-fehma tat-Tribunal ma jfissirx illi konsegwentement is-soċjeta` attriċi tilfet id-dritt li tirċievi dan il-ħlas. Fin-nuqqas ta' prova konkreta f'dan is-sens it-Tribunal ser jillikwida ħlas adegwat għal dan is-servizz u dan ukoll in linea mal-obbligu li għandu t-Tribunal li jimxi kemm b'ġustizzja u wkoll b'ekwita`.

It-Tribunal, tenut kont illi s-servizz tat-televiżjoni kien wieħed *Silver Plus* u cioe fl-iskala tas-servizz tat-televiżjoni huwa servizz medju, tenut kont ukoll illi s-servizz mogħti lill-konvenut kellu jkun parti minn pakkett u għalhekk il-prezz ikun skontat, u wara li ra l-prezzijiet li servizz simili kien iġib fis-suq fl-2009, qiegħed jistabilixxi rata mensili ta' tnax-il Ewro (€12.00) għas-servizz tat-televiżjoni mogħti lill-konvenut, b'mod illi għal sitt xhur u dsatax-il jum, il-konvenut għandu jħallas lis-soċjeta attriċi

s-somma ta’ disgħa u sebgħin Ewro u sittin ċenteżmu (€79.60).

**DECIDE**

Għaldaqstant, in viżta ta’ dak kollu suespost, it-Tribunal qiegħed jaqta’ dan il-każ u jiddeċiedi billi jilqa` t-talba attriċi limitatament għas-somma ta’ disgħa u sebgħin Ewro u sittin ċenteżmu (€79.60) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta’ disgħa u sebgħin Ewro u sittin ċenteżmu (€79.60), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u numerata 366/12, huma tnax fil-mija (12%) a kariku tal-konvenut, filwaqt illi r-rimanenti jkunu a karigu tas-soċjeta` attriċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------